

It-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2008

## Ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (verżjoni kodifikata) \*

P6\_TA(2008)0484

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ġerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0367 — C6-0272/2008 — 2008/0124(CNS))

(2010/C 15 E/27)

(Proċedura ta' konsultazzjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0367),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 83 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0272/2008),
  - wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċel-lerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0379/2008),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u semplice tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japrova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi (tgħaddi) l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Sistema tar-riżorsi propri tal-Komunitajiet \*

P6\_TA(2008)0485

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jipplimenta d-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi propri tal-Komunitajiet (COM(2008)0223 — C6-0197/2008 — 2008/0089(CNS))

(2010/C 15 E/28)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0223),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 279 (2) tat-Trattat KE u l-Artikolu 183 tat-Trattat Euratom, skont liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0197/2008),